MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 269/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J. Borg**

**vs**

**Francis Camilleri**
**Raymond Camilleri**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Francis Camilleri ta’ 45 sena, bin Nicholas u Nicholina nee’ Gauci, imwieled Siggiewi nhar it-23 ta’ Marzu 1962 u residenti Valley F/H Ta’ Zmetta, L/O Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 196862(M) u l-imputat Raymond Camilleri ta’ 43 sena, bin Nicholas u Nicholina nee’ Gauci, imwieled Siggiewi nhar il-21 ta’ Frar 1964 u residenti 78, Ave Maria, Triq ir-Rixtellu, Luqa u

detentur tal-karta tal-identita' numru 129364(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-2 ta' April 2007 ghall-habta tat-3.30pm, fi Pjazza San Nikola, Siggiewi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Nicola Aquilina f' periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Nicola Aquilina, skond kif iccertifika Dr. Marius Grima MD, (skond l-Art 214, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, hebbew ghal persuna ta' Nicola Aquilina sabiex jingurjawha, iddejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna;

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, heddew lil Nicola Aquilina bi kliem;

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Nicola Aquilina.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' April 2007 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-3 ta' April 2007 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li allegatament sehhet fit-2 ta’ April 2007 fil-pjazza tas-Siggiewi fejn il-parti civili Nicola Aquilina sofra griehi ta’ natura gravi. Mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg li kien kemm l-ufficjal investigattiv kif ukoll prosekutur f’dan il-kaz u li xehed fl-udjenza tas-27 ta’ April 2007 jirrizulta li fl-imsemmija data ghall-habta tal-3.45pm dahal rapport fl-Ghassa tas-Siggiewi li kien ghadu kemm kien hemm glieda fil-pjazza tal-imsemmi rahal u li kien hemm xi hadd korrut mitfuh mal-art. Meta mar fuq il-post PC 254 huwa sab lil parti civili Nicola Aquilina wahdu mitfuh mal-art u huwa ttiehed l-Isptar. Il-Pulizija kellha nformazzjoni li l-glieda kienet sehhet bejn l-imsemmi Aquilina min-naha l-wahda u z-zewg imputati u huhom iehor min-naha l-ohra. Il-Pulizija ghalhekk arrestat liz-zewg imputati ghal aktar investigazzjonijiet. Mill-istqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati u esebiti a fol. 28 sa 31 jirrizulta li l-imputat Raymond Camilleri qal li waqt li huwa nzerta ghaddej mill-pjazza ra lil Nicola Aquilina riesaq lejh b’baqqun f’idejh u dan prova jaghtih daqqiet bil-baqqun f’rasu u wara li rnexxielu jehodulu minn idejh inqalghet glieda bejniethom u Raymond Camilleri qal li kien attakka lil Aquilina sabiex jiddefendi lilu nnifsu meta dan kien ser jattakkah bil-baqqun u spjega li kien tah xi daqqiet ta’ ponn lil Aquilina izda sostna li ma kien uza ebda oggett sabiex jaghti d-daqqiet lil Aquilina. Huwa qal li kien wahdu meta inqalghet il-glieda u cahad li huh Francis Camilleri kien b’xi mod involut fil-glieda li nqalghet. L-imputat Francis Camilleri min-naha l-ohra spjega li dakinhar stess filghodu kienet inqalghet glieda bejnu u bejn Aquilina fejn dan tal-ahhar flimkien ma terza persuna bdew jattakkawh u jsawtuh u qal li kien mar ir-razzett sabiex jistrieh meta gie huh Raymond b’baqqun f’idejh u qallu li kien ghad kemm kellu glieda ma’ Aquilina. L-imputat Francis Camilleri qal lil Pulizija li jahseb li Aquilina tfixkel lil huh Raymond mieghu u dan ghaliex huma jinxtiebhu hafna u innega li huwa b’xi mod kien involut fil-glieda li nqalghet wara nofsinhar fil-pjazza ghalkemm aktar tard donnu ammetta li kien prezenti fil-pjazza waqt il-glieda izda qal li ma kienx fl-area fejn sehhet il-glieda u dejjem sostna li bl-ebda mod ma kien involut fil-glieda.

Il-parti civili Nicola Aquilina xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tas-27 ta’ April 2007 fejn wara li kkonferma li aktar kmieni filghodu fil-gurnata in kwistjoni kien involut fi glieda mal-imputat Francis Camilleri qal ukoll li fit-3.00pm huwa kien mar fil-latrina li hemm fil-pjazza tas-Siggiewi akkompanjat minn missieru Frans Aquilina sabiex huma jsewwu d-drainage tal-latrina li kien imblukkat. Huwa qal li missieru kien fil-latrina tal-irgiel u huwa mar jiftah l-inspection box tal-Gvern li kien hemm hdejn il-latrina tan-nisa u meta induna li kien hemm il-fond mar jissellef sellun minghand l-ironmonger Emanuel Callus li mbaghad gie ghas-sellun ghaliex kellu bzonnu u waqt li kien fil-pit tal-inspection box minghajr sellun giet ohtu tkellmu u huwa qalilha sabiex tmur tghajjat lil missierhom ghaliex kellu bzonnu peress li ma setghax jahdem. Dak il-hin gew iz-zewg imputati li tellawh minn idejh sakemm kien nofsu l-barra mill-pit filwaqt li xi haddiehor li m’gharfux zammu minn wara u huma bdew jaghtuh bil-hadid f’genbu u l-imputat Francis Camilleri beda’ jaghtih bil-baqqun f’mohhu. Huwa jghid li sema’ lil missieru jghajjat u rah hdejn qasrija li hemm biswit il-latrina izda ma jiftakar xejn aktar ghaliex intilef minn sensieh. Huwa jghid li dam gurnata rikoverat l-Isptar u jghid li kellu brix f’idejh, griehi f’ghajnejh u ugiegh fil-kustilji. Huwa qal li ghadu jsofri min ugiegh fil-kustilji.

Frans Aquilina, missier l-imputat xehed fl-udjenza tas-6 ta Lulju 2007 qal li fil-gurnata in kwistjoni kien akkompanja lil ibnu Nicola Aquilina fil-pjazza tas-Siggiewi sabiex jghinu jiftah id-drenagg tal-imsemmija latrina li kien imblukkat. Huwa spjega li wara li accedew fil-latrina tal-irgiel marru hdejn l-inspection box tal-Gvern li hemm hdejn il-latrina tan-nisa u ibnu fetah l-inspection box u baghtu jgiblu sellun minghand l-ironmonger u ibnu mbaghad nizel fil-pit tal-inspection box bis-sellun u huwa rega’ ha s-sellun lura lil taz-zebgha ghaliex dan kellu bzonnu u huwa rritorna gewwa l-latrina tal-irgiel sabiex jibda x-xoghol li kellu jaghmel hu meta wara ftit tal-hin giet bintu tghajjatlu u tghidlu li Kola kellu bzonnu. Dan ix-xhud jghid li malli mar hdejn l-inspection box fejn kien ibnu sab tlieta min-nies li tnejn minnhom gharafhom bhala l-imputati u rahom itellghu lil ibnu mill-inspection box u jsawtuh u jaghtuh bis-

sieq f'wiccu u jsawtuh b'vireg tal-hadid li kellhom f'idejhom. Huwa jghid li beda' jghajjat izda l-imputati xorta wahda baqghu isawtu lil ibnu u mbaghad qabdu t-triq u telqu l'hemm.

Helen Camenzuli oht l-imputat ukoll xehdet waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju 2007 fejn qalet li fil-gurnata in kwistjoni kienet marret fil-pjazza tas-Siggiewi sabiex tfittex lil missierha u sabet lil huha Nicola Aquilina fil-latrina tan-nisa u wara li dan infurmaha li missierhom kien qieghed fil-latrina tal-irgiel qalilha sabiex tghajjatlu ghaliex kellu bzonnu sabiex itellghu. Hija tghid li marret tkellem lil missierha u meta kienet diehla fil-vettura taghha sabiex titlaq minn fuq il-post rat tlett irgiel fejn l-inspection box fejn kien hemm huha izda ma tatx kaz min kienu ghaliex hasbithom hbieb tieghu qeghdin hemm sabiex jghinuh u hija ghalhekk telqet minn fuq il-post. Hija gharfet wiehed minn dawn l-irgiel bhala l-imputat Francis Camilleri.

L-imputat Francis Camileri ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 72 sa 74 tal-process) fejn essenzjalment ikkonferma dak kollu li kien qal a tempo vergine kif riportat fl-istqarrija u cahad kategorikament li dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza huwa kien fil-pjazza ghall-habta tat-3.30pm. Huwa qal li kien hemm aktar kmieni filghodu u f'xi hinijiet ohra izda mhux fit-3.30pm. L-imputat l-iehor Raymond Camilleri xehed fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2008 fejn ikkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija u qal li Nicola Aquilina kien bniedem li ta sikwit kien ikollu xi jghid man-nies u kien jaf li kien ta xebgha b'katina lil xi hadd impjegat mal-Enemalta. Huwa qal ukoll li huh Francis Camilleri ma kienx mieghu fil-pjazza fil-hin tal-incident u spjega li anki hu kien sofra minn griehi fil-glieda u fil-fatt kien ghadda certifikat mediku lill-ufficjal prosekutur (dan ic-certifikat mediku fil-fatt gie esebit in atti a fol. 84) minn fejn jirrizulta li l-imputat Raymond Camilleri kien sofra griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz hekk kif riportat fil-paragrafi precedenti jirrizulta car li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar dak li effettivament gara fit-2 ta' April 2007 fit-3.30pm fil-pjazza tas-Siggiewi, u cioe' il-verzjoni moghtija minn Nicola Aquilina u missieru Frans Aquilina min-naha l-wahda fejn dawn isostnu li l-parti civili gie msawwat miz-zewg imputati u minn terza persuna u l-verzjoni moghtija miz-zewg imputati fejn dawn isostnu li l-imputat Francis Camilleri ma kienx fuq il-post u li l-imputat Raymond Camilleri attakka lil Aquilina sabiex jiddefendi lilu nnifsu wara li l-iehor attakkah b'baqqun. Huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi iwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat jew l-imputati izda fil-kaz odjern il-Qorti irriskontrat certu inkonsistenzi bejn dak li qalu l-parti civili u missieru Frans Aquilina u rat l-atteggjament ta' dan tal-ahhar fuq il-pedana tax-xhieda fejn setghat tikkonstata certu atteggjament da parti tieghu li geghla tiddubita serjament mill-kredibilta' ta' dan ix-xhud. Il-Qorti tirrileva per ezempju li filwaqt li Nicola Aquilina qal li kien hu li mar igib is-sellun minghand l-ironmonger u li missieru ma kienx hdejn l-inspection box fejn kien hu meta sehh l-incident Frans Aquilina min-naha l-ohra jghid li kien hu li mar igib is-sellun minghand l-ironmonger u jghid li huwa kien hdejn l-inspection box meta z-zewg imputati u terza persuna bdew isawwtu lil ibnu bil-vireg tal-hadid. Irid jigi rilevat inoltre li Nicola Aquilina isemmi li gie imsawwat bil-baqqun u vagament isemmi xi hadid filwaqt li missieru isemmi il-vireg tal-hadid biss. Huwa rilevanti li wiehed jinnota li dawn il-vireg tal-hadid ma nstabux fuq il-post filwaqt li l-baqqun gie kkonsenjat lil Pulizija mill-imputat Raymond Camilleri stess. Dan kollu gieghel lil Qorti tiddubita mill-kredibilita' taz-zewg xhieda principali tal-Prosekuzzjoni u cioe' Nicola Aquilina u missieru Frans Aquilina u jgieghel lil Qorti temmen li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati tista' tkun possibbli.L-imputati ma huma tenuti li jippruvaw xejn izda l-Qorti jidrilha li tenut kont tal-inkonsistenzi fix-xhieda ta' Nicola Aquilina u missieru u tenut kont tal-verzjoni konfliggenti moghtija miz-zewg imputati, hija ma tistghax ma tiddubitax jekk effettivament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati hijiex effettivament il-verita'. Il-Qorti

jidrilha li l-kunflitt fil-provi fil-kaz odjern huwa tali li jhalli dubji konsiderevoli f'mohh il-gudikant liema dubji ovvjament iwasslu lil Qorti tikkonkludi li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jistghax jitqies li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Irid inoltre jigi rilevat li hadd mix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma identifika lill-imputati bhala l-persuni li sawtu lill-parti civili. Huwa minnu li l-imputat Raymond Camilleri jammetti li huwa kien attakka lil Nicola Aquilina izda huwa ukoll minnu li jezisti d-dubju jekk effettivament, kif qed isostni hu, huwa ghamilx hekk sabiex jiddefendi lilu nnifsu, u cioe' agixxa in legittima difesa, mill-attakk ta' Nicola Aquilina li mar ghalih b'baqqun f'idejh ghaliex possibilment hawdu ma huh Francis Camilleri li mieghu kellu argument aktar kmieni filghodu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Francis Camilleri u Raymond Camilleri mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------